A.L. 48 ta' l-1993

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Regolamenti ta' l-1993 dwar Proprjetà Immobbli (Tismija ta' Żoni Speċjali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Proprjetà Immobbli (Tismija ta' Żoni Speċjali).

Tismija ta' Żoni Speċjali.

2. (1) Il-Ministru jista' b'Ordni jsemmi żona f'Malta bħala Żona Speċjali Msemmija għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Żona Speċjali Msemmija għandha tiġi definita jew billi ssir riferenza għall-borduri stabbiliti fl-Ordni jew billi ssir riferenza għal pjanta jew mappa li tkun tinsab jew li tissemmà fl-Ordni.

Kondizzjonijiet għat-trasferiment ta' immobbli f'Żoni Speċjali Msemmija.

3. F'kull Ordni magħmul skond ir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti, il-Ministru għandu jistabbilixxi dan li ġej:

(a) il-kategorija ta' persuni mhux residenti li l-Ordni jgħodd għalihom;

(b) il-kategorija ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab fiż-Żona Speċjali Msemmija li l-Ordni jgħodd għaliha;

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom proprjetà mmobbli fiż-Żona Speċjali Msemmija tkun tista' tiġi trasferita lil persuni mhux residenti, u tiġi akkwistata minnhom, magħdud kull użu li jista' jsir minn dik il-proprjetà immobbli u l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jsir kull użu bħal dak;

(d) l-għamla ta' l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati ma' kull applikazzjoni li ssir minn persuna mhux residenti sabiex takkwista proprjetà immobbli fiż-Żona Speċjali Msemmija;

(e) it-titolu li taħtu dik il-proprjetà immobbli tista' jew ma tistax tiġi akkwistata minn persuna mhux residenti;

(f) l-użu li jista' jsir minn dik il-proprjetà immobbli minn min ikun qed jakkwistaha; u

(g) id-drittijiet li għandhom jitħallsu għall-ħruġ ta' permess mill-Ministru għall-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuna mhux residenti fiż-Żona Speċjali Msemmija.

Il-Ministru ma għandux iżomm il-permess għall-akkwist.

4. Malli min japplika jħallas id-dritt preskritt, il-Ministru ma għandux iżomm il-permess tiegħu għall-akkwist minn persuna mhux residenti ta' proprjetà mmobbli li tkun tinsab f'Żona Speċjali Msemmija meta kemm il-proprjetà immobbli kemm il-persuni mhux residenti

jkunu t-tnejn jaqgħu taħt il-kategoriji rispettivi indikati fl-Ordni li jkollu x'jaqsam ma' dik iż-Żona Speċjali Msemmija, u l-applikazzjoni tkun akkumpanjata mid-dokumenti u kull tagħrif ieħor stabbilit fl-Ordni, u f'kull każ bħal dak il-permess għandu jitqies li jkun ingħata taħt il-kondizzjonijiet (magħdudin il-kondizzjonijiet dwar l-użu) li jistgħu jissemmew fl-Ordni.

Kondizzjonijiet speċjali.

5. Kull Ordni magħmul mill-Ministru bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jista' jippreskrivi illi:

(a) l-immobbli fiż-Żoni Speċjali Msemmija jew iż-żoni pubbliċi jew komuni jew l-utilitajiet fiż-Żona Speċjali Msemmija, għandhom jitmexxew minn dik is-soċjetà amministrattiva li tkun tikkonforma ruħha ma' dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fl-Ordni u bir-rikonoxximent tal-Ministru għal dak il-għan; u, jew

(b) il-proprjetà tista' biss tinkera lil terzi permezz ta' dik is-soċjetà ta' kiri jew amministrazzjoni li tkun tikkonforma ma' dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fl-Ordni u bir-rikonoxximent tal-Ministru għal dak il-għan.

Restrizzjonijiet.

6. Il-Ministru jista' biss isemmi żona bħala Żona Speċjali Msemmija meta huwa jkun sodisfatt li jkun fl-interess pubbliku li jagħmel dan għaliex il-proprjetà immobbli li tkun tinsab fiż-żona tkun tagħmel sehem minn proġett jew proġetti li jkollhom l-għan li jkattru l-industrija tat-turiżmu jew il-potenzjal ta' Malta bħala ċentru internazzjonali għan-negozju, kummerċ jew servizzi.